# Magistrat
# Dottor Consuelo Scerri Herrera LL D

**Il-Pulizija**
**Spettur Raymond D'Anastas**
**V**

## ALEXANDER BORG

**Illum 23 t'April 2001,**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **Alexander Borg** ta' tmintax il-sena bin Leone u Shirley Cathrene nee` Schembri mwieled Pieta` fid-disgha ta' Marzu 1982 u residenti Blk 21 ta' Settembru 1964, Entratura B, Flat 7, Taz-Xwejt, San Gwann, detentur ta' karta tal-identita` numru 155782(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli fit-tmienja w ghoxrin ta' Dicembru 2000 ghal habta tat-tmienja ta' filghaxija gewwa l-Ghassa tal-Pulizija ta' San Giljan iddenunzja lill-Pulizija Ezekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq holoq tracci ta' reat b'mod li jistghu jinhbew proceduri kirminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar;

Talli fl-istess data f'San Gwann u ghall-habta tas-sitta u nofs ta' wara nofsinhar volontarjament ikkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Joseph Giuliano minn Hal Qormi u dan skond kif iccertifika it-Tabib M. Grixti MD.

Il-Qorti rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom il-kunsens tal-Avukat Generali datat dsatax ta' Frar 2001.

Semghet l-imputat jammetti l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u fuq tali ammissjoni il-Qorti m'ghandiex triq ohra salv li ssib l-istess imputat hati tar-reati kif adebitati lilu.

Il-Qorti semghet lil Prosekuzzjoni tghid li lil imputat ikkolabora bis-shih maghha fl-investigazzjoni. Ezaminat l-istqarrija tieghu esebita f'dawn l-atti bhala dok CSH 3 minn fejn irrizulta illi l-imputat ammetta il-partecipazzjoni tieghu f'dan ir-reat.

Il-Qorti rat l-artikoli tal-Ligi partikolarment l-artikolu 101 u 110 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 221 subsection 4 tal-istess Kap.

Il-Qorti rat il-fedina penali tal-imputat li hija fedina penali netta minghajr ebda tebgha ta' kontravenzjoni jew reat registrat fuqha.

**Fic-cirkostanzi il-Qorti thoss li ghandha tapplika l-applikazzjoni tal-probation.**

**Ghaldaqstant il-Qorti qieghda tillibera lil imputat ALEXANDER BORG bl-apllikazzjoni tal-artikolu 9 tal-Kap 152 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jghamilx reat iehor ghal perjodu ta' tlett snin mill-llum.**

**Consuelo Scerri Herrera LL.D.**
**Magistrat**